MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2014

Numru. 932/2012

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jurgen Vella]**

**vs**

**Majoeddin Ayad**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Majoeddin Ayad detentur tal-karta tal-identita` numru 27234A.

Akkuzat talli:

Nhar it-2 ta’ Awwissu 2011, ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifici foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh totali ghal valur ta’ elf u seba’ mitt Ewro (€1,700) ghad-dannu tal-kumpanija Vella Falzon Group u persuni ohra;

U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, iffalsfika ordna jew dokument illi meta jigi pprezentat wiehed jista’ jircievi bih hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern; u xjentement ghamel uzu ta’ din l-ordni jew dokument;

Aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi b’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonjiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; u xjentement ghamel uzu minn dan l-att, kitba jew skrittura falza; u

Aktar talli gewwa l-Lukanda Castille gewwa l-Belt Valletta u/jew f’dawn il-gzejjer fil-granet ta’ Awwissu 2011 u/jew gimghat qabel, ikkommetta serq ghad-dannu tal-lunka Castille u/jew persuni ohra.

> B’hekk sar recediv b’sentenza moghtija mill-Magistrat Dr D. Clarke LL.D. datata 2 ta’ Ottubru 2009, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi izda sussegwentement din giet mibdula f’dikjarazzjoni ta’ htija fis-seduta tat-tlieta (3) ta’ Frar 2014, u fejn l-imputat ghadda s-somma kollha pretiza mis-Socjeta` Vella Falzon Group u li kienet mertu tal-proceduri odjerni;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat il-provi migjuba;

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 308, 309, 310, 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Lijigiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat Majoeddin Ayad hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante li l-imputat irrifonda lura l-ammont kollu dovut minnu u stante li jidher illi huwa fehem l-konsegwenzi tal-azzjoni

tieghu, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 qeghda tilliberah mill-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------